**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 108 / 2022**

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Johan Grech**

Illum 26 ta' Mejju 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Johan Grech ta' 41 sena bin John u Mary Doris nee' Scicluna, mwieled San Giljan nhar it-18 ta' Mejju, 1978, detentur ta' karta t'identita' numru 323578M u residenti Villino Hawaii, Triq l-Akwedott, B'Kara, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar is-7 ta' Frar, 2020 u/jew fil-granet ta' qabel f'dawn il-gzejjer

1. Uzajt kliem jew imgieba ta' theddid, abbuziv jew insolenti, jew esibixxejt xi materjal miktub jew stampat li kien ta' theddid, abbuziv jew insolenti, jew xort'ohra gibt ruhek b'dak il-mod, bil-hsieb li b'hekk tqajjem mibgheda jew vjolenza razzjali jew religjuza kontra xi persuna ohra jew grupp ta' persuni (i.e. Ufficjali tal-Kommunita) fuq bazi ta' generu, identita tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini etnika, religjon jew twemmin jew opinjoni politika, jew opinjoni ohra jew b'hekk hloqt il probabbilta` li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibgheda razzjali jew religjuza.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta′ Gudikatura Kriminali, ta′ nhar l-1 ta′ Marzu, 2022, fejn il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8 u 82 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati u kkundannatu ghal sena (1) prigunerija li bis-sahha ta' l-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta gew sospizi ghal 3 snin millum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Johann Grech minnu pprezentat fl-15 ta′ Marzu, 2022, fejn talab lil din il-Qorti hi umilment mitluba li filwaqt li tirriforma s-sentenza appellata in kwantu li tikkonferma li l-esponenti hu hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tibdel il-piena inflitta fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta′ Gudikatura Kriminali u dan billi tirreduci, il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti ghal wahda inqas harxa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi għalhekk l-aggravju huwa wiehed car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. Illi dan l-appell qed ikun limitat ghal dak li jikkoncerna l-piena ta′ sena prigunerija sospizi ghal tlett snin. Illi l-esponenti fi stadju bikri kkopera bi sħiħ mal-prosekuzzjoni tant illi hekk kif gie mitkellem mill-pulizija huwa ammetta illi huwa kien kiteb l-istess kumment f′mument ta′ rabja pero kien immedjatament iddispjacih li ghamel tali kumment.

2. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni fatti bażiċi li fl-umli opinjoni tal-esponenti ma jimmeritawx illi l-esponenti

jinghata sentenza ta' sena prigunerija sospizi ghal tlett snin u dan wara illi l-esponenti (1) ikkopera bi shih mal-pulizija eżekuttiva (2) iddispjacih ghal incident li seħħ f'saħna tal mument u li skuża ruħu ghal akkadut (3) l-appellanti ghandu kondotta u fedina penali tajba u (4) illi l-akkuza taht l-artiklu 82A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija wahda eccessiva u li effettivament tezorbita l-att kommess mill-appellant.

3. Illi l-appellanti gie faccat b'akkuza relatat ma' *hate speech* liema akkuza *in primis* lanqas biss kellha tirrizulta fir-rigward tal-kumment maghmul mill-appellanti. Illi dan qed jinghad peress illi l-artiklu 82A tal-Kap 9 jikkwalfika l-att jew il-kliem ta' theddid, abbuziv jew insolenti huma kwalifikati lejn persuna jew grupp u dan fuq bazi ta generu, identita tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini etnika, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra jew b'hekk tinholoq il-probabilta li meta wiehed iqis ic cirkostanzi kollha titqajjem vjolenza jew mibgheda razzjali jew religjuza.[1]

4. Illi bid-dovut rispett l-Ewwel Onorabbli Qorti tat peina wisq harxa fic-cirkustanzi illi l-kumment insolenti tal-appellanti zgur ma kienx jinkwadra taht bazi li tiqajjem mibgheda jew vjolenza razzjali jew religjuza. Wara kollox l-artiklu 82A tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta huwa ntiz illi l-istess kumment ikun kwalifikat lejn grupp ta persuni " f'dan il-kaz l-Ufficjali tal-Kommunita" pero fuq il-bazi su riferita ossia il-generu, l-identita tal-generu, l-orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini etnika, eta, dizabilita, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra. Illi din l-Onorabbli Qorti tista tapprezza illi l-fatti kif irrizultaw ossia l-ammisjoni tal-appellanti fejn huwa ammetta illi huwa kiteb dak il-kumment u cioe *"Tridu tifhmu li wardens huma l-aghar nies li*

[1] Ara artiklu 82 A Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

*jezizisti ghax bla bajd u minghajr ebda tip ta dinjita, kelb huwa ferm ahjar minnhom"* bla ebda mod mhu indirizzat li titqajjem xi vjolenza jew mibgheda fuq bazi hekk kif kwalifikata fil-Ligi kif ukoll li fic-cirkustanzi kollha tista tqajjem ghal vjolenza jew mibgheda **razzjali jew religjuza.**

5. Illi in fatti l-Ewwel Onorabbli Qorti minkejja l-ammissjoni tal-appellanti naqset milli tiehu in kunsiderazzjoni il-fatti illi l-kumment tal-appellanti ghalkemm mhux felici ma jikkostitwiex l-ispirtu tal-Ligi u cioe tal-artiklu 82A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan anke kif inhu l-fatt illi l-legislatur bl-introduzzjoni tar-reat riavvizat fl-artiklu 82A kellhu l-intenzjoni illi jikkriminalizza kummenti jew mgieba diretta lejn persuna jew grupp u dan fuq bazi ta generu, identita tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini etnika, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra jew b'hekk hloqt il-probabilta li meta wiehed iqis ic cirkostanzi kollha titqajjem vjolenza jew mibgheda razzjali jew religjuza.

6. Illi gia la darba li l-kumment tal-appellanti ma huwiex bl-ebda mod indirrizat kontra l-ufficjali tal-komunita **fuq bazi** ta' generu, identita tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini etnika, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra jew b'hekk hloqt il-probabilta li meta wiehed iqis ic cirkostanzi kollha titqajjem vjolenza jew mibgheda razzjali jew religjuza ghalhekk anke l-akkuza kienet wahda eccessiva.

7. Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminal fis-sentenza '**Il-Pulizija vs Vincent Debono**' datata 10 ta' Mejju, 2016 ezaminat fid-dettal l-ispirtu wara din il-Ligi tant illi kwotat silta mid-dibatitu Parlamentari:

   *"ONOR. TONIO BORG: Sur President, aħna l-membri taż-żewġ naħat tal-Kamra ilna nitkellmu pubblikament fuq klawsola 18. Għall-ewwel*

*darba se **jiġi introdott ir-reat ta racial hatred**[2]. Huwa veru li fil-margin ta l- artiklu hemm tixwix għal mibegħda razzjali" però jekk wieħed jara s- sustanza ta l-artiklu jsib li mhux biss hemm it-tixwix imma wkoll hemm li:*

*"Kull min juza kliem jew imgieba ta theddid, abbuzivi jew insolenti, jew jesibixxi xi materjal miktub jew stampat li jkun ta theddid, abbuziv jew insolenti jew xort oħra jgib ruħu b dak il-mod, bil-ħsieb li b hekk iqajjem mibegħda razzjali jew b hekk joħloq probabbilita` li meta wieħed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibgħeda razzjali, jeħel, meta jinstab ħati, l-piena ta prigunerija minn sitt xhur sa tmintax-il xahar.*

*Għall-finijiet tas-subartiklu qabel dan, mibegħda razzjali" tfisser mibegħda kontra grupp ta persuni f Malta definiti b riferenza għall-kulur, razza, nazzjonalita` (inkluza c-cittadinanza) jew origini etnika jew nazzjonali.".*

*ONOR. JASON AZZOPARDI: L-aggettiv "abbuzivi" qed jirriferi għall-kliem u għalhekk qiegħed fil-plural?*

*ONOR. TONIO BORG: L-aggettiv "abbuzivi" qed jikkwalifika n-nomi kliem" jew imgieba".*

*…*

*ONOR. TONIO BORG: Pero` l-kliem jew l-imgieba" jistgħu jkunu ta tliet tipi; jew għax ikunu jammontaw għal theddid jew għax ikun abusive language jew behaviour jew inkella għax ikunu insolent words or behaviour, jigifieri **tgħajjar lil dak li jkun bir-razza**…"*

Illi minkejja li dan l-Artikolu gie emendat diversi drabi mill-Legislatur sahansitra sostitwit bl-Att Numru LXV tal-2021 fejn l-istess parametri gew imwessha, xorta ma jeskludix il-fatt illi l-kumment miktub mill-appellanti ma jaqax f' tali parametri.

[2] Emfazi tas-sottoskritti

8. Illi tenut kont is-suespost u c-cirkostanzi kollha tal-fatti l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkundannat lil appellanti ghal piena tas-sena prigunerija sospizi ghal tlett snin taht l-Artiklu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema piena hija wahda ezagerata u dan peress illi kellha tkun lejn il-minimu konsentit mil-Ligi u dan anke bl-applikazzjoni tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi filfatt din l-Onorabbli Qorti ghalkemm diversament preseduta mponiet pieni inqas horox mill-kaz *de quo* anke jekk il-kummenti f'dawk il-kazijiet kienu ta' natura razzista u dan kuntrarjament ghal kumment tal-appellanti. Illi nfatti fil kawza **il-Pulizija vs Brandon Bartolo** datata 17 ta' Jannar 2019[3] meta l-kumment kien is-segwenti u cioe *"Tmur tiehdu f .....ghoxx kemm ghandha, hawnhekk qedin f pajjizna ahna religjoni wiehed biss, huma guests, irridu nimxu mal-ligijiet taghna u jekk ma jghogobhomhomx fuxk off back to your countyu."* (Liema kumment jikkostitwixxi l-elementi kollha tar-reat) l-Qorti ukoll ikkunsidrat piena fil-minimu ossia sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. Illi fil-kawza '**Pulizija vs Rankin Vella** datata 23 ta' Settembru 2020[4] fejn l-imputat kien akkuzat bl-artiklu 82A fost akkuzi ohra, l-Qorti sabet lil istess imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal ordni ta' probation ghal zmien tlett snin u multa ta' €3500.

9. Illi l-appellant huwa bniedem kwiet u dan kif jifdher mill-fedina penali tieghu. Ghalkemm dan ma jiggustifikax dak li seħħ ma dan kollhu l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tiehu dan kollhu in kunsiderazzjoni kif ghamlu Qrati ohra diversament preseduti u mhux biss f'kazijiet simili.

[3] Deciza mil-Qorti tal-Appel Kriminali (Sede Inferjuri) Mhallef Consuelo Scerri Herrera LL.D
[4] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali, Magistrat Charmaine Galea LL.D

10. Illi din l-Onorabbli Qorti kemm il-darba sehqet illi:“ *kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta* ***ligi w ta ragjonevolezza***[5]. *Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda safe and satisfactory" fid-dawl tar-rizultanzi*. (Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**" [12.5.94] ; "**Il- Pulizija vs. Emmanuel Mifsud**" [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002]l "**Il-Pulizija vs. Caroline Sammut**" [21.01.2016] fost ohrajn).

Semghet il-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2022.

**Ikkunsidrat:**

Illi kif diga' gie ritenut diversi drabi, f'bosta sentenzi l-:

> *"principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment , tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha."(*App. Krim. Il-Pulizija vs. Joseph Zahra[6] u **Il-Pulizija vs Charles Victor Edward Cassar**[7] u ohrajn.)

Ghaldaqstant, kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Guzeppi Bilocca**[8]:

---

[5] Sottolinear tas-sottoskritti
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar il-10 ta' Mejju 2002
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar id-29 ta' Mejju 2013.
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009

*'…din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghallkonkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "I**__l-Pulizija vs. Raymond Psaila et__**[9]." ; "**__Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi__**[10]" ; "**__Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace__**[11]"; "**__Il-Pulizija vs. Anthony Zammit__**[12]" "**__Il-Pulizija vs Julian Genovese__**[13]"u ohrajn.'*

Illi f'diversi appelli kriminali fosthom Il-Pulizija vs Anthony Debono[14];**__Il-Pulizija vs Noel Borg__**[15]; **__Il-Pulizija vs Brian Barbara__**[16]; **__Il-Pulizija vs Therese Attard Flores__** [17] **u**ohrajn, kollha jaghmlu referenza ghall-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **__Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt__**[18], fejn inghad illi :-

*'Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta*

[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju, 1994
[10] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989
[11] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991
[12] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[13] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 2008
[14] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Settembru, 2021
[15] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Settembru, 2021
[16] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Settembru, 2021
[17] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 t' Ottubru, 2021.
[18] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994

*minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet –tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta.'*

Illi tajjeb li jigi enfasizzat illi din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xhieda jixhdu *viva voce* kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti u ghaldaqstant hija zvantagguza ghax ma tkunx rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda. Madankollu, dan ma jfissirx pero min-naha l-ohra li jekk ma semghetx ix-xhieda hi ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li x-xhieda li ddeponew ma kienux kredibbli jew konsistenti f'dak li qalu jew li tali xhieda hi kontradetta minn xhieda ohra. Ghalhekk din il-Qorti ukoll trid taghmel ezami akkurat u approfondit tal-provi sabiex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

**Ikkunsidrat,**

Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-appellant irregistra ammissjoni ghar-reat kif addebitat fil-konfront tieghu minkejja li fir-rikors tal-appell jghid li l-kliem li huwa stqarr ma jammontawx ghar-reat in dezamina u dan nhar l-1 ta' Marzu, 2022[19] seduta tant fil-presenza tal-avukat difensur tieghu.

Issa jinghad illi fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress

[19] Fol. 12 tal-process

illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kienitx eccessiva jew le. M'huwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Ammissjoni bikrija mbaghad mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena (**Il-Pulizija v. David Vella**[20]**).**

F'dan il-kaz ir-reat huwa dak prospettat taht l-artikolu 82A tal-Kodici Kriminali li jippreskrivi piena fil-kaz ta' htija piena ta' prigunerija ta' bejn sitt xhur u tmintax-il xahar.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-kumment li ghamel l-appellant u li ghalih irregistra ammissjoni kien jghid is-segwenti:

*"Tridu tifhmu li warden huma l-aghar nies li jezistu ghax bla bajd u minghajr ebda tip ta' dinjita. Kelb huwa ferm ahjar minnhom".*

Illi ghalhekk tali kumment kien dirett lejn group ta' nies u cioe' haddiema 'wardens' li qeghdin hemm sabiex jghinu lic-cittadin u jipprotegu s-socjeta' talvolta milll-agir abbusiv u aggressiv tac-cittadini li jkunu fit-toroq taghna. Ghalhekk zgur li kumment bhal dan kien wiehed infondat u mhux misthoqq.

Dwar il-piena pero' l-Qorti rat li tali kumment fuq il-media socjali 'Facebook' kien wiehed ta' stmerrija u ta singurja u ma kien fih l-ebda theddida.

[20] Deciza mill-Qorti tal-appelli Kriminali nahr it-2 ta' Dicembru 2005

Pero mill-banda l-ohra rat li l-appellant m'ghandux fedina penali netta u ghalhekk ma jistax jitqies li huwa *"a first time offender".* Rat li kien diga instab hati ta' reati konnessi mal-ligi tal-Vat fejn gie kkundannat ihallas multa, instab hati ukoll inter alia talli hedded u ingurja warden 615 Maria Spiteri fejn ghal darb'ohra gie kkundannat ihallas multa u ghalhekk jidher li m'tghallimx mill-kundanni monetarji li ha tant li rega' ammetta reat iehor ta 'hatred speech' kontra l-wardens.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti li bhala fatt taqa' fil-parametri tal-ligi hija 'safe u satisfactory' u ghalhekk qeghda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward il-piena moghtija u dan sabiex zgur ghall-perjodu operattiv ta' din is-sentenza l-istess appellant izomm 'l boghod mill-hajja ta' kriminalita.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur